32004D0182

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-13 ta' Jannar 2004
dwar il-firma u l-applikazzjoni provviżorja ta' Arranġament Amministrattiv fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar is-sistema transitorja ta' punti li japplikaw għall-vetturi ta' merkanzija tqila li jgħaddu mill-Awstrija

(2004/182/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi il-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 71(1), b'konnessjoni ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni innegozjat arranġament amministrattiv f'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera li jikkonċerna is-sistema transitorja ta' punti applikabbli għall-vetturi ta' merkanzija tqila li jgħaddu mill-Awstrija.

(2) L-arranġament amministrattiv għandu jiġi ffirmat suġġett għall-konklużjoni tiegħu li ser isseħħ aktar tard.

(3) Għandhom isiru arranġamenti għall-aplikazzjoni provviżorja ta' l-arranġament amministrattiv mill-1 ta' Jannar 2004,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-President tal-Kunsill, f'isem il-Komunità Ewropea, huwa awtorizzat li jinnomina l-persuna(i) li għandha (għandhom) id-dritt jiffirma(w) l-arranġament amministrattiv f'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar sistema tranżitorja ta' punti applikabbli għall-vetturi ta' merkanzija tqila li jgħaddu mill-Awstrija, suġġett għall-konklużjoni tiegħu li ser isseħħ aktar tard.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-arranġament amministrattiv imsemmi fl-Artikolu 1 għandu jkun applikat fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Jannar 2004.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fit-13 ta' Jannar 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

B. COWEN